MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 4 ta' Novembru 2016**

**Kumpilazzjoni nru 581/16**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Mohamed Mokhtar Mohamed Jamhur**
**(ID: 371205L)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Mohamed Mokhtar Mohamed Jamhur** talli nhar it-3 ta' Novembru, 2016 ghall-habta tas-6:15 ta' filghaxija gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Bil-hsieb li jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe` feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nader Abdulaziz Elgerian wera dan il-hsieb billi

b'atti esterni ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u volontarjament ta daqqa ta' arma li taqta' u bil-ponta fuq il-gisem tal-imsemmi Nader Abdel Aziz, u li liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, **u dan bi ksur tal-Artikoli 41(1) (a), 64, 214, 215 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, permezz ta' arma li taqta' u bil-ponta, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Nader Abdulaziz Elgerian u dan skond ma ccertifikat Dr. Daphne Gatt M.D. (Reg. No. 3689) mill-Isptar Mater Dei, **u dan bi ksur tal-Artikoli 215, 217 u 221(1) (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma regolari u cioe` strument li jaqta' u bil-ponta, jew imitazzjoni ta' arma regolari, **u dan bi ksur tal-Artikolu 55(a) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;**

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zamm u/jew garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, **u dan bi ksur tal-Artikolu 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;**

5. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kiser il-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju w glied, **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza cioe' Nader Abdulaziz Elgerian, jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artiklu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuni offizi u l-familji taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija u l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1) (a), 64, 214, 215 u 216 215, 217, 221(1) u (2), 338(dd) tal-Kodici Kriminali u artikoli 6 u 51(7) u 55 (a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Mohamed Mokhtar Mohamed Jamhur** hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal **tmintax-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlett (3) snin mill-lum. In oltre l-Qorti qieghdha tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tliet snin.

In oltre il-Qorti qieghdha tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat ai termini tal-Artikolu 412 C fil-konfront ta' Nader Abulaziz Elgerian u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza, liema digriet jifforma parti integrali minnha.

Fl-ahharnett ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez kollha tal-esperti mahtura fil-kors tal-Inkjesta Magisterjali li nfethet dwar dan l-incident meta l-istess jigi interpellat biex ihallas tali spejjez. Ghal dan il-ghan il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

______________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

______________________

Diane Gatt
Deputat Registratur